



BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

fid-9 ta' Diċembru, 2005,

dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2006

(BĊE/2005/14)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106 (2),

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar, 1999, biex japprova l-volum ta' muniti li joħorġu l-iStati Membri li adottaw il-euro (l-iStati Membri parteċipanti).
- (2) L-iStati Membri parteċipanti ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu, kemm jistmaw li għandu jkun il-volum ta' muniti euro li se joħorġu fl-2006, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija tat-tbassir,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

L-approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro li se jinħarġu fl-2006

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti li l-iStati Membri parteċipanti se joħorġu fl-2006 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

(miljuni f'EUR)

	Il-ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u l-ħruġ ta' muniti għall-kollekturi (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2006
Il-Belġju	145,5
Il-Ġermanja	500,0
Il-Greċja	71,4
Spanja	625,0
Franza	362,0
L-Irlanda	76,0
L-Italja	772,4
Il-Lussemburgu	45,0
Il-Pajjiżi l-Baxxi	60,0
L-Awstrija	177,0
Il-Portugall	150,0
Il-Finlandja	60,0

Artikolu 2

Dispożizzjoni Finali

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-iStati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fid-9 ta' Diċembru, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET